MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 78/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Joe Dimech**

Dan huwa appell mill-Avukat Ġenerali kontra sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-appellat Joe Dimech mhux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.
Joe Dimech kien mixli mill-Pulizija Esekuttiva talli fid-19 ta' Novembru 2005, għall-ħabta tas-siegħa neqsin għaxra ta' bil-lejl (00.50) ġewwa *Club Sabor*, Triq Wilga, Paceville, San Ġiljan, pejjep f'fond li hu miftuħ għall-pubbliku.
Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza tat-2 ta' Marzu 2006 sabet lill-appellat mhux ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu u minnha illiberatu.

B’rikors tal-15 ta’ Marzu 2006 l-Avukat Ġenerali talab illi din il-qorti jogħġobha, wara li terġa’ tisma’ l-provi tal-prosekuzzjoni, tħassar is-sentenza appellata, issib lill-appellat ħati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Il-fatti relevanti għal dan l-appell seħħew hekk:

Fil-lejl tad-19 ta’ Novembru 2005 il-Kuntistabbli PC446 Joseph Mifsud ra lil xi persuni, fosthom l-appellat Dimech, ipejjpu ġewwa *Club Sabor*, Triq Wilga, Paceville, San Ġiljan, li hu post fejn it-tipjip hu projbit. Bħala fatt, fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2006 quddiem din il-qorti l-appellat stqarr illi tassew kien qiegħed ipejjep f’post pubbliku u mhux f’żona li fiha jista’ jsir tipjip.

Għalhekk l-appellat tressaq il-qorti mixli talli pejjep f’post li hu miftuħ għall-pubbliku. Wara li nstemgħu x-xhieda tal-prosekuzzjoni l-uffiċjal prosekutur talab korrezzjoni fit-taħrika biex l-isem ta’ l-imputat jiġi jaqra “Joe” flok “Ġużeppi” u talab ukoll korrezzjoni fl-indirizz kif muri fuq it-taħrika. L-ewwel qorti laqgħet it-talba u l-appellat laqa’ n-notifka tat-taħrika kif korretta. Il-verbal tas-seduta quddiem l-ewwel qorti mbagħad ikompli hekk f’din is-silta li qiegħda tinġieb *verbatim*:

Il-Prosekuzzjoni tirrileva illi l-emmenda tal-Liġi l-ġdida fl-Artikolu 1175 tal-Kap. 12 tawtorizza lill-Prosekuzzjoni titlob il-korrezzjoni f’kull stadju qabel tingħata sentenza mill-Onorabbli Qorti sakemm tali korrezzjoni ma tbiddilx il-ġist tar-reat;

Id-difiża toġġezzjona għall-prosegwiment tal-proċeduri billi fl-ewwel lok dawn il-proċeduri huma proċeduri sommarji u fit-tieni lok il-korrezzjoni ntalbet wara l-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni;

Il-Qorti rat il-verbal tad-Difiża u tal-Prosekuzzjoni, semgħet lill-partijiet jittrattaw fuq l-istess u tirrileva lil-ewwel parti tal-verbal tad-difiża u r-risposta tal-Prosekuzzjoni huma relevanti għas-sentenza u stante lil-prosekuzzjoni li pprećediet bis-smigħ tax-xhieda ippreġudikat id-Difiża tal-imputat, tilqa’ t-talba;

Imbagħad ingħatat is-sentenza li biha l-ewwel qorti sabet lill-appellat mhux ħati ta’ l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnha.

L-aggravji ta’ l-Avukat Ġenerali huma mfissra hekk fir-rikors ta’ l-appell tiegħu:

1. “il-fatt li l-proċeduri kienu sommarji ma huwiex ta’ impediment li ċ-ċitazzjoni tiġi korretta u l-kawża titkompla fuq iċ-ċitazzjoni kif korretta”;
2. “il-fatt li l-korrezzjoni ntalbet wara l-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni ma jista’ qatt iwassal għal-liberatorja kif ġara f’dan il-każ”; u
3. “f’dan il-każ l-appellat ma setax ġie mfixkel fil-mezzi tad-difiża tiegħu”.

Dawn l-aggravji, fil-fehma ta’ din il-qorti, huma kollha ampjament ġustifikati.

L-art. 175 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lill-qorti s-setgħa illi f’kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza tippermetti korrezzjoni fl-atti sakemm b’dak it-tibdil ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni; din id-dispoiżizzjoni tgħodd ukoll għall-qrati tal-ġustizzja kriminali bis-saħħa ta’ l-art. 520(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellat kien jaf x’jismu sew meta l-isem fuq it-taħrika kien jaqra “Ġużeppi” u sew meta sar jaqra “Joe”; kien jaf ukoll fejn joqgħod sew qabel ma saret il-korrezzjoni fl-indirizz u sew wara. Il-korrezzjoni b’ebda mod ma laqtet il-meritu tal-proċeduri. Hija għalkollox frivola l-asserzjoni illi b’xi mod il-korrezzjoni ippreġudikat il-pożizzjoni tad-difiża, u ċertament dan ma kienx każ la fejn kellu jingħata differiment u wisq anqas li jitwaqqfu l-proċeduri. Il-liġi hija strument biex biha jsir il-ħaqq u jitħares is-sewwa, u mhux xi logħba li tintrebaħ u tintilef għax xi ħadd għamel *punto* fejn kellu jagħmel *virgola*.

Fil-meritu, l-appellat stqarr illi tassew kien qiegħed ipejjep bi ksur ta’ dak li jgħid ir-reg. 3 tar-Regolamenti dwar it-Tipjip f’Postijiet Pubbliċi[1]:

**3.** Huwa projbit li jsir tipjip f’xi fond magħluq, privat jew pubbliku, li hu miftuħ għall-pubbliku ħlief fi kmamar msemmija fejn jista’ jsir it-tipjip.

Dawn ir-Regolamenti nħarġu taħt l-art. 14 ta’ l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk [Kap. 315]:

**14.** (1) Ebda persuna ma tista’ tpejjep xi sigarrett, sigarru, tabakk jew prodott tat-tabakk … … … f’xi post jew stabbiliment ieħor jew parti minnu skond ma l-Ministru jista’ minn żmien għal żmien jipprovdi permezz ta’ regolamenti li jagħmel taħt dan l-Att; … … …

---

[1] Avviż Legali 414 ta’ l-2004 [L.S. 315.04].

Għalkemm ir-Regolamenti ma jgħidux speċifikament li nħarġu bis-saħħa tas-setgħat mogħtija taħt dan l-artikolu, xorta għandhom jitqiesu li jiswew, bis-saħħa ta' dak li jgħid l-art. 10 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap. 249]:

**10.** Meta bis-saħħa ta' xi Att, mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, tingħata setgħa li jsiru liġijiet sussidjarji, kull liġi sussidjarja li tista' legalment issir bis-saħħa tiegħu tkun valida u jkollha effett sew jekk turi jew jekk ma turix li qed issir bis-saħħa ta' dawk is-setgħat u wkoll jekk turi li qed issir bis-saħħa ta' setgħat oħra.

Dwar piena, l-art. 18 tal-Kap. 315 igħid hekk:

**18.** (1) Kull min jikser jew jonqos milli jwettaq xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament li jsir taħt dan l-Att, għandu jinstab ħati ta' reat kontra dan l-Att.

(2) Kull min jinsab ħati ta' reat kontra dan l-Att jew kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jista', mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollu taħt kull liġi oħra, jeħel, meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira, … … …

Il-qorti għal dawn ir-raġunijiet tħassar is-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u, wara li rat l-istqarrija magħmula f'isem l-appellat fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2006, u rat ukoll l-artt. 14 u 19 tal-Kap. 315 u r-reg. 3 tal-L.S. 315.04, issib lill-appellat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal multa ta' mitt lira (Lm100).

Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------